MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 157/2011/1

**A B f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' bintha minuri X B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici pro et noe, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewgu f'Malta fl-ghoxrin (20) ta' Awissu tas-sena

elfejn (2000) u minn dan iz-zwieg kellhom tifla unika, X, imwielda fil-hdax (11) ta’ Gunju tas-sena elfejn u wiehed (2001) skont kif jirrizulta mill-annessi dokumenti (DOKTI A u B);

2. Illi il-hajja mizzewga bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba abbunadun, adulterju, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-konvenut kontra l-esponenti u / jew minhabba li l-hajja mizzewga bejn il-kontendenti tkissret irrimedjabbilment;
3. Illi l-istess intimat kien abbanduna id-dar konjugali fis-7 ta Gunju 2009 u eventwalment gie zgumbrat b’digriet ta’ din il-Qorti tal-21 ta’ Lulju 2009 (Dok. C);
4. Illi ma hemmx lok ta’ rikonciljazzjoni u l-esponenti giet debitament awtorizzata biex tipprocedi f’dina l-istanza skont kif jirrizulta mill-anness Digriet (Dok D) u estensjoni (Dok E);
5. Illi ghalhekk qed issir din il-kawza bl-ispejjez;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1) Jigi pronunzjat id-divorzju bejn il-kontendenti konjugi B ghar-ragunijiet premessi imputabbli lill-konvenut ta’ abbandun, adulterju, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi kontra l-esponenti kif fuq premess, u/jew minhabba li iz-zwieg tkisser irrevokabilment;
2) Taffidalha il-kura u kustodja tal-minuri X B u tiehu dawk il-provvedimenti kollha opportuni dwar access fl-ahjar interess tal-minuri;
3) Tiffissa retta alimentarja ghaliha u ghall-minuri imsemmija u tordna lill-konvenut sabiex ihallasha dik ir-retta hekk stabbilita ghaliha u ghal binthom minuri skont il-Ligi b’ordni ghaz-zieda perjodika ghal manteniment hekk stabbilit sabiex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja kif ukoll bl-ordnijiet mehtiega sabiex il-manteniment jithallas lill-attrici direttament mill-paga tal-konvenut;
4) Tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici l-arretrati kollha minnu dovuti ghall-manteniment ghaliha u ghall-minuri jew jirrifondilha sehemu mill-ispejjez minnha inkorsi minn data li ghandha tigi stabbilita minn din l-Qorti, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;
5) Tiddikjara xjolta il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, liema porzjonijiet ghandhom jigu komposti billi tigi stabbilita data bhala id-data meta il-konvenut

jigi ikkonsidrat li ikun hati tal-firda b'tali mod li l-konvenut jitlef kull jedd ghal kull akkwist maghmul bil-hila tal-attrici skont il-Ligi, u dan okkorrendo b'opera ta' perit niminand sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

6) Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti id-disposizzjonijiet ta l-artikoli 48 sa 52 tal-Kodici Civili (Kap. 16 1984 Ed. tal-Ligijiet ta' Malta);
7) Tordna lill-konvenut sabiex ihallas jew jikkonsenja lill-attrici skont il-kaz il-krediti u proprjeta parafernali taghha;
8) Tawtorizza lill-attrici tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut cioe il-fond bin-numru 108, fi Triq il-Merzuq, Birzebbugia, u fir-rigward ta' liema fond il-konvenut m'ghandu ebda titlu;

Bl-ispejjez – inkluzi dawk tal-proceduri kollha inkorsi quddiem din il-Qorti waqt il-medjazzjoni u tal-mandat tas-sekwestru fl-istess ismijiet premessi – kontra l-konvenut ingunt minn issa stess in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat illi l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u ghalhek huwa kontumaci f'din il-kawza;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha kawza ta’ separazzjoni personali bejn il-partijiet b’dan li l-intimat gie dikjarat li huwa kontumaci permezz ta’ digriet datat il-25 ta’ Gunju 2012.

**VERZJONI RIKORRENTI**

Permezz tal-affidavit taghha[1] ir-rikorrenti tispjega kif ta’ eta’ zghira hafna iltaqghet mal-intimat li huwa seba’ snin akbar minnha, b’dan li tghid li fir-relazzjoni taghhom kien jaghti importanza akbar lil shabu li wasslet ukoll sabiex il-partijiet ihassru r-relazzjoni taghhom wara tliet (3) snin. Fl-gherusija kien hemm ukoll aspetti ta’ vjolenza fizika li kienu dejquha. Tispjega li l-intimat wera li kellu karattru vendikattiv u li gej minn ambjent ta’ glied, argumenti u tghajjir barra t-triq. Tghid li kien jibza’ miz-zwieg ghaliex kien jibza’ li ser jispicca bhal ommu u missieru.

Tghid li marru jghixu f’appartament li bena missierha ghalihom fuq id-dar taghhom u li l-ghamara ta’ gewwa saret minn missierha wkoll ghaliex C ma kellu ebda ghajnuna minghand il-genituri tieghu (tant li kellu jixtri x’jixrob ghalih innifsu).

Il-partijiet izzewgu fl-20 ta’ Awwissu 2000 u mill-ewwel harget tqila bit-tifla. L-ahbar li r-rikorrenti kienet tqila hasdet lill-intimat b’dan li beza’ mir-responsabbilita’ u frott ta’ dan beda jargumenta maghha u jdum tard bil-lejl. Waqt l-argumenti, l-intimat kien ikisser u jizvoga r-rabja tieghu u kompla sejjer hekk sakemm twieldet it-tifla X fil-11 ta’ Gunju 2001. L-argumenti u l-glied naqsu wara t-twelid tal-minuri pero’ meta kien isehh,

[1] Esebit a fol 339 tal-process

kien isehh bi kbir u b'mod vjolenti. Tispjega wkoll li r-relazzjoni intima ta' bejniethom ma kienitx tajba u li ghalkemm kienu mizzewgin, is-suggett ma kienx jigi diskuss ghaliex kien qisu suggett ta' misthija bejniethom. Illum il-gurnata tispjega dan permezz tar-ritratti li sabet fuq l-*internet* li juru li l-intimat jista' jkun li ghandu tendenzi omosesswali.

Ir-rikorrenti tispjega li fis-sena 2007 l-intimat kien ha s-somma tad-Dockyard u beda jfittex impjieg iehor ghalkemm hu insista li anke hi ssib impjieg. Izzid tghid ukoll li darba fost l-ohrajn, wara argument telaq mid-dar. Lanqas ommu ma kienet taf fejn hu. Irritorna lura d-dar fuq il-parir tal-avukat tieghu wara hdax (11) –il gurnata. Sussegwentement ir-rikorrenti ntavolat rikors ghall-izgumbrament tal-intimat mid-dar, liema rikors gie milqugh. L-intimat mar ma' hutu d-dar u bdew igorru kollox. Ghalkemm ippruvat izzommhom, ir-rikorrenti ma rnexxilhiex ghaliex bdew irossuha mal-hajt filwaqt li l-intimat qabad *speaker* tefaghhulha ghal rasha u qasmilha rasha b'dan li kellha taghmel il-punti.

Tghid li t-tifla tibza' minnu u li lanqas ghadu jmantniha. Lanqas jipprova jaraha u lanqas qatt ma jaghmel xi forma ta' kuntatt maghha.

Taghlaq billi tghid li tixtieq li tigi fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri anke minhabba l-attitudni tal-intimat missierha li lanqas biss ghandha relazzjoni mieghu. Titlob li jkollha manteniment xieraq kemm ghaliha kif ukoll ghal bintha u titlob ukoll li tinghata sehemha mill-ammont li zbanka l-intimat.

Permezz tax-xiehda taghha tat-22 ta' Jannar 2014 imbaghad izzid tghid li mill-investimenti tal-Valletta Fund Management ma hadet xejn u li zewgha gibidhom kollha filwaqt li fuq dawk relatati mal-HSBC m'ghandha ebda pretensjoni *stante* li dawn tqassmu b'mod ugwali bejniethom. Issemmi wkoll l-ammont ta' €48,000 li l-intimat ha mid-Dockyard liema flus gew mifruxa f'kontijiet varji, fosthom fil-Valletta Fund Management, l-HSBC u €4000 fuq ismu li sar depositu fuq vettura bihom

u li qieghda fil-pussess tar-rikorrenti b'dan li qed tithallas mill-istess rikorrenti wkoll. Tispjega li Dok. AD 9[2] (fl-ammont ta' €1013.36) huwa kont f'isem il-minuri li ngibed mill-intimat b'mod esklussiv filwaqt li Dok. AD10[3] hija l-lista ta' spejjeż li ghandha ghall-istess minuri b'dan li l-ispejjez taghha huma mnizzla f'Dok. AD11[4]. Terga' tikkonferma li tghix bir-relief.

## IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM IL-QORTI

Il-Qorti taghmel referenza ghax-xiehda tal-Spettur Carol Fabri[5] u li permezz taghha jipprezenta tliet (3) rapport li ghamlet ir-rikorrenti kontra l-intimat u zewg rapporti ohra li ghamlet l-istess rikorrenti flimkien ma' missierha uhud minnhom relatati ma' vjolenza domestika. Issir referenza wkoll ghax-xiehda ta' Joseph Saliba bhala rapprezentant tal-ETC li jikkonferma li z-zewg partijiet ma jahdmux[6].

Audrey Ghigo[7] bhala rapprezentant tal-HSBC tispjega li mir-ricerka li sabet hemm zewg kontijiet fuq ir-rikorrenti (HSBC 1 u 2) (b'dan li wiehed minnhom biss huwa miftuh) u tliet kontijiet fuq l-intimat (HSBC 3 - 5) (b'dan li tnejn minnhom huma miftuhin). Flimkien il-partijiet kellhom zewg kontijiet (HSBC 6 u 7) kongunti li llum il-gurnata huma maghluqin.

David Galea[8] bhala rapprezentant tal-APS Bank jiddikjara li mir-ricerka li saret fuq il-partijiet irrizulta kont kongunt bejn il-partijiet (Dok. APS1 li ghadu miftuh) u li gie *blocked* permezz ta' sekwestru da parti tar-rikorrenti filwaqt li l-istess rikorrenti kellha zewg kontijiet (APS 2 u 3) li huma maghluqa.

---

[2] Esebit a fol 359 tal-process

[3] Esebit a fol 357 tal-process

[4] Esebit a fol 358 tal-process

4. Ara x-xhieda tieghu datata s-16 ta' Mejju 2013 esebita a fol 60 tal-process

[6] Ibid

[7] Ara x-xhieda taghha datata s-16 ta' Mejju 2013 esebita a fol 61 tal-process

[8] Ibid

Romauld Attard[9] in rapprezentanza ta' Bank of Valletta Plc jiddikjara li mir-ricerka li saret sab kont f'isem ir-rikorrenti (Dok. BOV1) u zewg kontijiet *joint* bejn il-partijiet (Bov 2 u 3) li ghadhom miftuhin. Sab ukoll kont f'isem l-intimat (Dok. BOV4). Jghid ukoll li sab *Capital Growth Fund* f'isem l-intimat li sussegwentement gie f'isem iz-zewg partijiet u li gie *redeemed*. Ix-xhud ma kienx f'posizzjoni li jindika min ha l-flus u cioe' l-ammont ta' 773.25 Sterlina ekwivalenti ghal Lm472.08. Jghid ukoll li kien hemm investiment iehor li gie *redeemed* u li l-ammont kien dak ta' €20,210.98. Fix-xiehda sussegwenti tieghu l-istess xhud jiddikjara li l-ammont ta' €20,210.98 gie trasferit f'kont f'isem l-intimat C B filwaqt li l-ammont ta' 773.25 Sterlina gie trasferit f'kont taz-zewg partijiet. L-awtorizazzjoni inghatat mill-intimat.

Joseph Chircop in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali[10] jiddikjara li r-rikorrenti ma tahdimx b'dan li jipprezenta wkoll prospett[11].

Stephen Cachia in rapprezentanza tal-ADT jiddikjara li l-intimat ghandu vettura skrepjata u ohra garaxxjata. Ix-xhud jipprezenta wkoll lista ta' vetturi li kienu registrati fuq l-intimat b'dan li hemm imnizzel ukoll il-perjodu ta' registrazzjoni.

Set ta' ritratti mmarkati bhala Dok. AD5 – 7[12] juru l-intimat flimkien mas-sieheb tieghu.

Permezz tal-affidavit taghha, Gertrude Cassar[13] tispjega li omm l-intimat kienet tkun dejjem irrabjata ghal zewgha. Dwar l-gherusija ta' bintha, tghid li kien ikollhom xi jghidu bi kbir qisu madwar tliet darbiet fis-sena b'dan li l-intimat kien johrog ma' shabu l-Gimgha u s-Sibt filwaqt li jhalli lil bintha (r-rikorrenti) d-dar. Tispjega li darba fost l-ohrajn, meta kienu miggieldin kien ghamel vendikazzjoni fil-garaxx li zewgha kien isellef lill-intimat. Kien l-istess zewgha li bnielhom il-post fejn joqghodu. Imbaghad wara z-zwieg, bintha ma damitx ma harget tqila b'dan li bejniethom kienu jiggieldu u l-intimat kien ikisser u jfarrak. Tghid li bintha ma kienitx tghidilha b'kull ma kienet qed tghaddi minnu ghaliex hija riservata pero' mbaghad lejn l-ahhar, qabel ma sseparaw *de facto* kienet fethet qalbha

[9] Ara x-xhieda tieghu datata d-9 ta' Lulju 2013 esebita fol 195 tal-process

[10] Ara x-xhieda tieghu datata l-1 ta' Ottubru 2013 esebita a fol 315 tal-process

[11] Ara a fol 320 tal-process

[1212] Esebiti a fol 365 – 367 tal-process

[13] Esebit a fol 347 tal-process

maghha u qaltilha li kienu ilhom ma jkunu intimi flimkien ghal sena u nofs. Tikkonferma wkoll l-episodju meta l-intimat telaq mid-dar u ghamel numru ta' granet 'il barra mid-dar b'dan li rritorna lura. Sussegwentement gie zgumbrat mid-dar matrimonjali. Tghid li jkunu hi u r-ragel taghha li jghinu fit-trobbija tal-minuri ghaliex ftit kienu d-drabi meta l-intimat ghen lil bintha finanzjarjament ghall-bzonnijiet ta' binthom. Tirrakkonta wkoll episodju fejn wara tliet snin li kien ilu ma jkellem u jara lil bintu, l-intimat ipprova jkellimha u beda jsegwihom izda l-istess bintu bezghet minnu ghaliex l-istess tifla kienet rat kif missierha tratta lil ommha meta kienu ghadhom jghixu that l-istess saqaf.

Permezz tal-affidavit tieghu, Anthony Cassar[14] jghid li ma tantx kien kuntent bir-relazzjoni ta' bintu mal-intimat minhabba s-sitwazzjoni familjari tieghu. Jikkonferma li l-intimat kisser kull ma sab fil-garaxx li kien selliflu l-istess xhud wara argument li kellu ma' bintu u kien hallih fi stat dizastruz ukoll. Jikkonferma wkoll li kienu hu u martu li bnew il-post ta' fejn kienu ser imorru jghixu wara z-zwieg u li l-intimat qatt ma hallas xejn. Jghid li l-intimat kellu karattru vjolenti tant li mhux l-ewwel darba li kien ikisser l-affarijiet. Jaghti x'jifhem ukoll li missier l-intimat tah x'jifhem li ibnu (cioe' l-intimat) ghandu tendenzi omosesswali imma ma jghidhiex b'mod dirett ghalkemm hekk tinftiehem. Ix-xhud jikkonferma wkoll li l-intimat ilu zmien twil ma jara lil bintu u li jkun hu flimkien ma' martu u naturalment bintu li jiehdu hsieb lill-istess minuri ghaliex l-intimat lanqas biss ihallas manteniment.

**<u>DWAR IT-TALBA GHAS-SEPARAZZJONI PERSONALI LIEMA TALBA GIET SOSTITWITA B'TALBA GHAL DIVORZJU</u>**

Dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti, l-Qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghal Artikolu 40 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jsegwi hekk:

"***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

[14] Liema affidavit huwa esebit a fol 351 tal-process

Il-Qorti wara li rat il-provi esebiti, hija konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment ghal ragunijiet li huma attribwibbli unikament lill-intimat, anke in vista  tal-komportament tieghu lejn martu u lejn bintu. In vista tal-fatt li l-istess intimat irrenda ruhu hati ta’ vjolenza fil-konfront ta’ martu u tal-familjari taghha flimkien mal-fatt li abbanduna r-responsabbilitajiet tieghu mhux biss ta’ missier izda ta’ ragel tal-familja, l-Qorti ma tistax ma tattribwixxix it-tort ghal din is-separazzjoni lill-istess intimat. Naturalment, dawn l-aspetti kollha msemmija jaghtu lok ghall-pronunzja ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

**DWAR IT-TALBA TAL-KURA U L-KUSTODJA U ACCESS TAL-MINURI**

Il-Qorti tirrileva li t-talba ta’ kura u kustodja ghandha tigi determinata u deciza skond il-principju tal-ahjar interessi tal-minuri. Ir-rikorrenti tikkontendi li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata esklussivament f’idejha anke minhabba l-fatt li l-istess intimat ghandu karattru vjolenti kif ukoll minhabba l-fatt li l-istess intimat abbanduna lil bintu u ilu ma jaghmel xi forma ta’ kuntatt maghha jew ihallas xi forma ta’ manteniment ghaliha ghal snin twal.

Fid-dawl tal-fatt li l-intimat ma jurix interess f’bintu tant li ilu ma jaghmel kuntatt maghha ghal zmien twil u lanqas biss jaghmel xi telefonata jew ihallas xi forma ta’ manteniment u fid-dawl tal-fatt li l-istess intimat xejn ma juri interess fil-hajja ta’ bintu, l-Qorti thoss li huwa naturali li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri m’ghandhiex tigi fdata f’idejn l-istess intimat izda f’idejn ir-rikorrenti, li min-naha taghha ilha tiehu hsieb lill-istess minuri b’mod esklussiv ghal zmien twil (ghall-anqas minn mindu l-istess intimat gie zgumbrat mid-dar matrimonjali) u fuq kollox ghaliex m’hemm xejn mill-assjem tal-provi li jista’ jwassal lill-istess Qorti sabiex tasal ghall-konkluzjoni li ma jkunx fl-ahjar interess tal-minuri li ir-rikorrenti tigi fdata bil-kura u l-kustodja taghha.

Il-Qorti tirrileva li prezentement m'hemm ebda forma ta' access li qieghed jigi ezercitat mill-intimat u dan juri li l-intimat m'ghandux interess f'bintu ghaliex lanqas kuntatt telefoniku regolari ma jzomm. Fil-fatt lanqas biss ipprezenta risposta guramentata tieghu fil-proceduri odjerni biex jipprova juri li ghandu xi forma ta' interess. Ta'min wiehed jinnota li llum il-gurnata fejn il-mezzi ta' komunikazzjoni huma vasti, l-istess intimat lanqas biss ipprova jaghmel xi forma ta' kuntatt ma' bintu (ghajr ghal dak l-episodju wahdieni fejn baqa' jsegwi lil bintu u lin-nanna materna taghha meta nzerthom b'kumbinazzjoni barra). Dan juri nuqqas ta' interess kbir fiha kif juri wkoll il-fatt li l-istess intimat qieghed jonqos milli jhallas manteniment xieraq ghall-istess bint. Ghalhekk fic-cirkustanzi, l-Qorti thoss u tirrileva li jekk l-istess missier juri x-xewqa li jara lil bintu, dan ghandu jsir, pero' taht parametri li jissalvagwardjaw l-interessi tal-minuri, specjalment in vista tal-fatt li l-kuntatt bejn il-bint u l-missier ma jezistix. Barra minn hekk, il-minuri ghaddiet minn perjodu ikrah meta kellha tara certu vjolenza fid-dar kommess da parti ta' missierha u ghalhekk il-Qorti thoss li jkun opportun li l-access li jezercita l-intimat ikun wiehed supervizjonat mill-Agenzija Appogg jew minn xi *social worker* inkarigata mir-rikorrenti omm sabiex l-interessi tal-minuri jigu salvagwardati. Dan pero' ghandu jsir wara li jigi evalwat jekk il-minuri tkunx ser tigi affetwata b'mod negattiv minn tali access. Ghalhekk qabel ma jigi ezercitat l-access favur l-intimat, ghandu jkun hemm rakkomandazzjoni bil-miktub minn *social worker* jew persuna professjonali li fl-opinjoni professjonali taghha, l-minuri mhux ser tkun affetwata b'mod negattiv minn tali access, ghaliex jekk dak ikun il-kaz ghandhom jittiehdu konsiderazzjonijiet ulterjuri dwar kif tali access ghandu jsehh.

**<u>DWAR IT-TALBA GHAL MANTENIMENT GHAR-RIKORRENTI U GHALL-WILD MINURI</u>**

Il-Qorti tirrileva li kif qalet din l-istess Qorti hekk kif diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet **Georgina Schembri pro et noe vs Dino Schembri** deciza nhar it-28 ta' Ottubru 2002, l-obbligi tal-manteniment

tal-konjugi huma regolati bl-artikolu 3 tal-Kap. 16 b'dan pero' li tali manteniment ghandu jinghata skont il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih (ara l-Artiklu 20 tal-Kap. 16). Dan ifisser li l-mara llum ghandha r-responsabbilitajiet taghha u trid necessarjament terfa' dan il-piz mar-ragel taghha ghaliex wara kollox ghandha wkoll il-kapacita' li tmur tahdem.

Mill-provi ma jirrizulta xejn dwar l-introju tal-intimat *stante* li huwa kontumaci f'dawn il-proceduri filwaqt li r-rikorrenti tiddikjara li ma tahdimx. Issir referenza ghan-nota tar-rikorrenti[15] u li permezz taghha tikkonferma bil-gurament li m'ghandha ebda impjieg u li l-uniku introjtu taghha huwa dak relatat mal-beneficcji socjali fl-ammont ta' €426 kull erba' (4) gimghat. Hija tikkonferma wkoll il-prospett relattiv ghall-ispejjez li tinkorri fuq il-minuri X b'medja ta' €177.30 fil-gimgha jew €768 fix-xahar[16], filwaqt li tikkontendi wkoll li l-ispejjez taghha u tal-minuri flimkien jammontaw ghal €227.26 fil-gimgha[17]. Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghax-xiehda tar-rikorrenti datata t-22 ta' Jannar 2014[18] u li permezz taghha tiddikjara li minn mindu l-intimat telaq mid-dar matrimonjali u cioe' mis-6 ta' Gunju 2009 qatt ma hallas manteniment. Hija tipprezenta wkoll hamsa u tletin (35) dokument dwar l-ispejjez li hija qed tinkorri ghall-minuri u ghall-hajja u kontijiet[19].

Il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti hija kapaci tahdem izda sakemm issib xoghol fuq bazi *full-time,* stante li l-intimat huwa unikament responsabbli ghas-separazzjoni ta' bejn il-partijiet, ghandu jhallas is-somma ta' €200 fix-xahar bhala manteniment ghall-istess rikorrenti, liema manteniment ghandu jibqa' percepit sakemm l-istess rikorrenti ma tkunx qieghda tahdem u dan sa' zmien massimu ta' sena.

Dwar il-manteniment ghall-minuri, l-Qorti tirrileva li mill-assjem tal-provi kollha, u anke tenut kont tal-fatt li l-minuri ser tkompli tirrisjedi flimkien

[15] Esebita a fol 42 tal-process

[16] Ara a fol 43 tal-process

[17] Ara a fol 44 tal-process

[18] Esebita a fol 336 tal-process

[19] Ara Dok. AD4 esebit a fol 368 tal-process

mar-rikorrenti kif wara kollox ilha taghmel ghall-anqas miz-zmien li l-intimat allontana ruhu mid-dar matrimonjali, l-Qorti thoss li jkun opportun li tali manteniment ikun jinkorpora fih ukoll l-ispejjez relattivi tas-sahha u l-edukazzjoni li jidher li l-intimat ma jaghmilx tajjeb ghalihom. Fic-cirkustanzi, l-Qorti thoss li manteniment ta' 250 kull erba' (4) gimghat ghandu ghall-anqas itaffi mill-ispejjez relattivi ghas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess minuri.

**<u>DWAR IT-TALBA TA' ARRETRATI TA' MANTENIMENT</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-provi migbura u tirrileva li sal-gurnata tas-sentenza odjerna, qatt ma kien hemm xi forma ta' digriet jew ordni dwar hlas ta' manteniment dovut mill-intimat. Huwa minnu li r-rikorrenti intavolat rikors *pendent lite* ghal dan il-ghan, pero' wara li intavolat in-nota guramentata taghha wara diversi xhur, jirrizulta li tali rikors flimkien man-nota guramentata baqghu qatt ma gew notifikati lill-intimat u konsegwentement qatt ma inghata digriet fuq il-manteniment. Fin-nuqqas ta' dan il-Qorti tara li m'hemm ebda arretrati x'jigu likwidati.

**<u>DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI</u>**

Permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet taghha, r-rikorrenti tikkontendi li kwantu ghall-investimenti tal-Valletta Fund Management li gew *redeemed* mill-intimat, hija ma hadet xejn. Fix-xiehda taghha tiddikjara li m'ghandha ebda pretensjoni fuq il-kontijiet tal-HSBC filwaqt li d-dar matrimonjali hija proprjeta' ta' missierha u konsegwentement l-intimat m'ghandu ebda titolu fuqha. Ir-rikorrenti ma ssemmi xejn dwar il-mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali ghajr dikjarazzjoni wiesgha fis-sens li kollox kien gie mhallas mill-genituri taghha. Ghalhekk jirrizulta car li l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet hija komposta mis-segwenti:

1. Kontijiet kongunti bejn il-partijiet mal-BOV kif ukoll mal-APS;
2. Kontijiet bankarji personali taz-zewg partijiet mal-BOV u HSBC;
3. Ivestiment li gie *redeemed* fl-ammont ta' 773.25 Sterlina ekwivalenti ghal Lm472.08 (€1099.65) u €20,210.98 rispettivament;

*Stante* li jirrizulta b'mod ampju mill-provi li l-investimenti gew *redeemed* mill-intimat u li ghall-anqas wiehed mill-investimenti tpogga f'kont bankarju intestat f'isem l-intimat (u cioe' dak ta' €20,210.98) l-Qorti tara li tali investimenti ghandhom jigu maqsuma b'mod ugwali bejn il-partijiet. Ghalhekk ir-rikorrenti ghandha tinghata lura s-somma kumplessiva ta' €10,655.31 rapprezentanti sehemha mill-istess investimenti msemmija. Kwantu ghall-kontijiet bankarji intestati f'isem il-partijiet personali, dawn ghandhom jitqiesu bhala l-proprjeta' esklussiva taghhom.

**DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLI 48 ET SEQ KONTRA L-INTIMAT**

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -

(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;

(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;

(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;

(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

Il-Qorti, kif diga' kellha l-opportunita' li tiddikjara aktar 'il fuq, hija moralment konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-firda bejn il-partijiet hija imputabbli lill-intimat u ghaldaqstant fic-cirkustanzi thoss li ghandhom jigu applikati s-sub incizi (a), (b) u (d) tal-istess artikolu hawn citat fil-konfront tal-istess intimat.

**<u>DWAR IT-TALBA LI L-ATTRICI TABITA FID-DAR MATRIMONJALI B'MOD ESKLUSSIV</u>**

Il-Qorti fl-ewwel lok tirrileva li d-dar matrimonjali tal-partijiet m'hijiex proprjeta' taghhom izda proprjeta' ta' missier ir-rikorrenti u konsegwentement, ghajr ghad-drittijiet naxxenti miz-zwieg, l-istess partijiet m'ghandhom ebda titolu fuq l-istess dar. B'referenza ghad-digriet ta' din l-istess Qorti datat il-21 ta' Lulju 2009[20] u li permezz tieghu, *pendente lite* l-intimat gie zgumbrat mid-dar gia matrimonjali ghal agir li ta lok ghal tali decizjoni, l-Qorti thoss li m'hemm xejn milli juri li l-agir tal-intimat gie ghall-ahjar jew li hemm lok li l-istess intimat ghandu jerga' jinghata d-dritt li jidhol fid-dar matrimonjali. Il-fatt ukoll li l-istess intimat instab responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet ikompli juri kemm ir-rikorrenti ghandha tibqa' tghix fid-dar gia matrimonjali flimkien mal-minuri b'mod esklussiv.

**<u>DECIDE</u>**

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

[20] Esebit a fol 7 tal-process

[1] Tilqa’ l-ewwel talba tar-rikorrenti b’dan li tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;

[2] Tilqa’ t-tieni talba tar-rikorrenti b’dan li tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri f’idejn l-istess rikorrenti b’mod esklussiv filwaqt li kwantu ghall-access favur l-intimat, dan ghandu jsir skont kif huwa indikat fil-paragrafu f’din is-sentenza intitolat ‘DWAR IT-TALBA TAL-KURA U L-KUSTODJA U ACCESS TAL-MINURI’;

[3] Tilqa’ t-tielet talba tar-rikorrenti b’dan li tiffissa s-somma ta’ €200 fix-xahar bhala manteniment ghall-istess rikorrenti, liema manteniment ghandu jibqa’ percepit sakemm l-istess rikorrenti ma tkunx qieghda tahdem u dan sa’ zmien massimu ta’ sena u s-somma ta’ €250 rapprezentanti l-manteniment ghall-minuri, liema manteniment jithallas mill-intimat kull erba’ (4) gimghat u li jinkludi fih l-ispejjez relattivi ghas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess minuri. Tali manteniment ghandu jibqa’ jithallas sakemm il-minuri taghlaq l-eta’ ta’ tmintax –il sena b’dan li f’kaz li tibqa’ tistudja fuq bazi *full-time* bejn l-eta’ ta’ tmintax –il sena u tlieta u ghoxrin sena il-manteniment jibqa’ jithallas sal-gheluq ta’ 23 sena;

[4] Tilqa’ r-raba’ talba tar-rikorrenti u konsegwentement tordna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti il-manteniment hekk kif iffissat fil-paragrafu precedenti;

[5] Tilqa’ l-hames talba tar-rikorrenti b’dan li tiddikjara li l-kontijiet bankarji intestati f’isem il-partijiet personali, ghandhom jitqiesu bhala l-proprjeta’ esklussiva taghhom, filwaqt li l-intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti s-somma kumplessiva ta’ €10,655.31 rapprezentanti sehemha mill-investimenti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u dan sa’ zmien xahar mid-data tal-prezenti;

[6] Tilqa’ s-sitt talba tar-rikorrenti b’dan li tapplika kontra l-intimat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 (a), (b) u (d) fil-konfront tal-istess intimat;

[7] Tichad is-seba’ talba tar-rikorrenti;

[8] Tilqa’ t-tmien talba tar-rikorrenti;

Bl-ispejjez hekk kif mitluba kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------